# PROPOSTI AMBJENTALI

## DOKUMENT GĦAL KONSULTAZZJONI

### INTRODUZZJOJNI

Dawn il-proposti qegħdin jiġu ppreżentati bil-għan li jkollna Gudja iktar konxja fuq aspetti ambjentali, kemm bħala lokalità ġeografika u kif ukoll bħala residenti. L-għan ewlieni huwa li r-residenti, sidien jew investituri ta' stabbilimenti, organizzazjonijiet u kif ukoll l-Kunsill Lokali jaħdmu flimkien sabiex iwettqu dawn il-proposti ambjentali.

## IT-3 PARTI: L-IMMANIĠJAR U T-TNAQQIS TAL-ISKART

3.1. Il-kompostjar u l-kollezzjoni ta' ikel organiku mhumiex l-istess kunċett. Għandhom jiġu organizzati workshops tal-ikkompostjar għar-residenti. Barra minn hekk is-siti tal-ikkompostjar għandhom ikunu disponibbli fi spazji pubbliċi illi għandhom il-ħamrija. L-ikkompostjar ma għandux jagħmel riħa, u jekk jagħmel, ifisser li jew għandu ftit materjali kannella jew ma għandux biżżejjed ilma. Il-kompost iġġenerat minn postijiet pubbliċi bħal dawn ikun jista' jiġi użat fil-post jew mogħti lill-bdiewa lokali.

3.2. L-immaniġjar tal-iskart organiku jaf joħloq daqsxejn ta' konfużjoni. Tajjeb ninnutaw li ċerti residenti jagħmlu użu mill-basktijiet tal-plastik minflok basktijiet organiċi għall-iskart organiku tagħhom. Dan mhuwiex mod tajjeb kif tarmi fih l-iskart organiku għaliex il-basket għandu jkun bijodegradabbli. Il-Kunsill Lokali u organizzazzjonijiet lokali għandhom iwasslu dan il-messaġġ lir-residenti.

3.3. Filwaqt li l-ikel huwa kruċjali għall-eżistenza, dan sfortunatament qiegħed jiġi moħli. Qabel jispiċċaw fil-bins organiċi, ir-residenti jistgħu jagħmlu użu mill-fdalijiet tal-ikel. Kampanja dwar il-bżonn tal-iskart tal-ikel għandha tiġi implimentata. Workshops edukattivi dwar l-użu tal-fdalijiet tal-ikel u t-tqassim ta' riċetti tal-fdalijiet tal-ikel, jistgħu jgħinu biex nilħqu dawn l-

għanijiet. Barra minn hekk, ċelebrazzjonijiet lokali għandhom jiġu użati biex inkomplu nxandru dan il-messaġġ.

3.4. Skart elettroniku zgħir bħal mobile phones u oġġetti simili għandhom jiġu miġbura fil-Kunsill Lokali. Dan ifisser li r-residenti ma jkollhomx għalfejn joqogħdu jmorru fis-sit ta' Ħal Far biex jarmu mobile jew jistennew lil Wasteserv Roadshow li jiġu darba f'xahar. Mobiles, jew apparat ieħor elettroniku, li għadhom jaħdmu jistgħu jiġu mogħtija u ċċirkulati ma' residenti oħra bħala forma ta' riċiklaġġ b'xejn jew bi studju skont il-bżonn. Xi residenti jaf ikunu qegħdin jissieltu mal-poverta, forsi b'mod sieket, u għalhekk dawn jarawhom bħala mitqlu deheb.

3.5. Kulħadd iħobb il-festi iżda sfortunatament dawn magħhom iġibu ħafna ħela. Waqt ċelebrazzjonijiet lokali inkluż festi, lejla sajfija jew xi lejla Maltija, l-organizzaturi għandhom iżidu faċilitajiet għar-rimi tal-iskart. Għandu jkun hemm ukoll sinjali ċari ta' x'għandu jintrema fihom, inkluż jekk għandomx ikunu nodfa jew le. Ngħidu aħna r-reċipjenti tal-luminata għandhom ikunu mlaħalħa sew waqt li r-reċipjenti biż-żejt ma għandhomx ikunu rriċiklati. Għandu jkun hemm landa tal-iskart separat għat-tappijiet tal-fliexken u landa għall-iskart organiku. Tkun inizjattiva ġdida għall-organizzaturi li joffru fliskatur mimli bl-ilma fejn in-nies jistgħu jlaħalħu l-laned u l-fliexken qabel jiġi mormi fil-kontenitur tar-riċiklaġġ. Dan għaliex jekk wieħed jarmi oġġett riċiklabbli maħmuġ f'kontenitur ma' affarijiet oħra maħsula ser jirrovina l-bqija. L-ilma użat biex inaddaf jista' jintuża għat-tisqija tal-pjanti. Sinjali ċari u konċiżi huma kruċjali għall-għażla xierqa tal-immaniġjar tal-iskart.

3.6. Li terġa' tuża l-oġġett huwa aħjar milli tirriċikla. Meta dejjem huwa possibbli, l-affarijiet li jistgħu jerġgħu jintużaw għandhom jiġu kkunsidrati f'attivitajiet u ċelebrazzjonijiet lokali. Jekk dan mhuwiex possibbli, oġġetti tad-dar riċiklabbli u prodotti tal-karta għandhom jintużaw. Billi l-Gudja huwa villaġġ żgħir dan għandu għadd ta' vantaġġi. Affarijiet żejda, ngħidu aħna bħal platti, tazzi u pożati, jistgħu jingħataw bħala donazzjoni lir-residenti. Dan jirrikjedi aktar ħsieb fil-pjan. Madanakollu żgur li hija soluzzjoni li ser isservi fit-tul għall-ambjent u r-reżiljenza soċjali tal-Gudja. Barra minn hekk ser toħloq aktar sens ta' komunità fir-raħal, kemm għar-residenti li ilhom żmien twil jgħixu hawn u għar-residenti ġodda.

3.7. Il-bars u l-ħwienet tal-ikel lokali huma mħeġġa biex ma jużawx oġġetti li jintremew wara l-ewwel użu tagħhom, anke jekk dawn ma jkunux magħmulin mill-plastik.

3.8. Ħwienet lokali huma mħeġġa biex huma stess iħeġġu lill-klijenti tagħhom iġibu l-basktijiet u l-kontenituri magħhom.

SKALI
GUDJA